**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012
-------------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA18.**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 17 ta' Settembru 2012, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fis-7.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Viċi-Chairperson.*
Is-Sur Vincent Borg - Membru.
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sinjorina Joselle Buttigieg - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-13 ta' Settembru 2012.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Rendikont tal-proġetti pendenti mill-Kumitat.
3. Skema Attivitajiet Sportivi 2012 – *Shallow Dives*.
4. Attivita' għeluq is-Sajf – Settembru 2012.
5. Proġett UIF – Tisbiħ ta' Triq il-Kantra.
6. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
7. Mistoqsijiet mill-membri.
8. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA16.

**2.00 Rendikont tal-proġetti pendenti mill-Kumitat.**

2.01 Il-proġett ta' Eco-Gozo – tisbiħ tal-passaġġ ta' taħt Triq San Xmun daqt ikun lest minn kollox. Hemm xi partijiet minn bankijiet li huma nieqsa u għaldaqstant dawn ser jinxtraw mingħand l-istess Kuntrattur. Sadattant, il-Perit ser ikejjel sabiex jinħareġ il-kont u ssir il-*claim* lil Eco-Gozo.

2.02 Il-Fanali, Bankijiet u *Litter Bins* li ġew ordnati għal Triq il-Kantra waslu u qed jiġu storjati għal meta titlesta l-bankina.

**3.00 Skema Attivitajiet Sportivi 2012 – *Shallow Dives*.**

3.01 Il-Kumitat Amministrattiv ħareġ sejħa sabiex isiru *Shallow Dives* fil-Bajja tax-Xlendi. Dawn ser isiru mis-17 ta' Settembru sat-22 ta' Settembru 2012 u jistgħu jieħdu sehem ir-residenti tax-Xlendi u Il-Munxar minn 10 snin 'il fuq. Kull parteċipant ser ikun mitlub li jiffirma *Medical Screening Form* u dawk li jkellhom xi *health issue* jintalbu jġibu ċertifikat mingħand Tabib.

Ir-reġistrazzjoni għalqet fit-13 ta' Settembru 2012 u kienu applikaw 7.

**4.00 Attivita' għeluq is-Sajf – Settembru 2012.**

4.01 L-attivita' għeluq is-Sajf 2012 ser issir fit-22 ta' Settembru 2012. F' din il-ġurnata l-Malta Tourism Authority ser ittella' Kunċert ta' kant minn Kantanti stabbiliti Maltin. Il-Kumitat ser jagħmel il-*Water Fun Park* fejn nofs l-ispejjeż ser jitħallsu mill-Kunsill Lokali Il-Fontana. Jekk it-temp jippermetti ser issir il-Fjakkolata.

**5.00 Proġett UIF – Tisbiħ ta' Triq il-Kantra.**

5.01 Fis-26 ta' Settembru 2012 kien ser jidher l-avviż għal xogħlijiet ta' dan il-proġett. Is-Sejħa ser tagħlaq fid-29 t' Ottubru 2012. F' din is-Sejħa hemm inkluż xogħlijiet fuq bini tal-bankina mill-ġdid, twaħħil ta' *Lamp Posts*, *Railings* u għamara għal barra.

**6.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva ilment rigward il-Latrina tal-*Parking* tax-Xlendi. L-ilment jittratta dwar toqob li hemm fil-*partition* ta' ġewwa, kif ukoll dwar il-bżonn ta' ħoloq mal-bibien. Is-Sindku kien ser jgħid lill-*Beach Cleaners* sabiex jagħmlu dan ix-xogħol.

6.02 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva talba mingħand is-Sid ta' Hotel Xlendi sabiex isir *loading/unloading* quddiem il-bieb tal-Lukanda, n-naħa ta' Triq il-Puniċi. Talab ukoll sabiex id-*double yellow lines* tal-faċċata ta' din id-daħla jitqassru sabiex jidħol *parking* ieħor. Il-Kumitat qabel dwar dawn it-talbiet.

6.03 Is-Sindku informa lill-Kumitat li kellu laqgħa mas-Sur Charles Bonello, Segretarju Privat tal-Prim Ministru u d-Direttur għall-Gvern Lokali fejn spjegalhom li ma huwiex possibbli li l-Kunsill jiffinanzja l-50% fuq it-toroq, jiġifieri €160,146.62. F' din il-laqgħa d-Dipartiment approva li jżid l-għajnuna finanzjarja għal 75% ta' l-ispiża fuq kisi mill-ġdid ta' Triq Ta' Rinota/Andrijiet, Triq ir-Rumani, triq bla isem u Triq il-Kavallieri, jiġifieri €240,219.93 waqt li l-25% l-oħra ta' €80,073.00 tinħareġ mill-fondi tal-Kunsill/Kumitat. Dan il-ftehim huwa bil-kundizzjoni li x-xogħol fuq it-toroq jitlesta sa l-ewwel ġimgħa ta' Novembru 2012, eskluż it-triq bla isem fix-Xlendi li għandha ssir aktar 'il quddiem. Peress li l-istima tat-triq bla isem kienet ta' €29,400.00, il-Kunsill se joħroġ is-somma ta' €50,673.00. Is-Sindku kien ikkuntatja lill-Kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. fejn assigurah li x-xogħol jitlesta sa l-ewwel ġimgħa ta' Novembru 2012, u l-bilanċ ta' €50,673.00 li ser joħroġ il-Kunsill jinġarbu b' *instalments* matul is-snin, mingħajr imgħax.
Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Kuntrattur sabiex issir *inspection* tat-toroq li ser jinksew u jsir ftehim dwar il-ħlasijiet tal-bilanċ ta' €50,673.00.

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-Perit Saliba u l-Kuntrattur fejn saret *site inspection* fi Triq Ta' Rinota/Andrijiet, Triq ir-Rumani u Triq il-Kavallieri. Il-Kunsill kiteb lill-Water Services Corporation, Taqsima tad-Drenaġġ u l-Enemalta Corporation. Triq ir-Rumani ser ningħataw il-livelli mill-MEPA. Il-Kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. intalab jagħmel garanzija ta' €32,000. Issa jrid isir ftehim sabiex jitħallsu €15,000 kull sena mingħajr imgħax. Ix-xogħol irid ikun lest sa l-aħħar ta' Novembru 2012.

**7.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

7.01 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-*fairy lights* jinġabru minħabba l-maltemp tax-Xitwa. Kien hemm qbil dwar dan.

7.02 Is-Sur Vincent Borg irrimarka li qed isir sajd għall-ħut fis-*Swimming Zone*. Huwa ssuġġerixxa li ssir tabella sabiex ma jsirx sajd għall-ħut fis-*Swimming Zone*.

**8.00 Materji oħra.**

8.01 Ma kienx hemm materji oħra x' jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

**Godwin Azzopardi**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***